MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2732/2002

**Maryann Fenech**

**vs**

**Kishin Mohnani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,040.90) rapprezentanti paga u bonus dovuti lill-attrici wara li gie terminat l-impjieg taghha, u dan ghal perijodu ta' dsatax il-gimgha qabel ma twaqqqfet mix-xoghol fis-17 ta' Awissu 2002.
Bl-ispejjes,, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 30 ta' Settembru 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa ecepixxa s-segwenti:-

Illi l-ammont pretiz mill-attrici m'huwiex dovut stante kumpensazzjoni bejn il-kreditu taghha u l-valur ta' merci li naqsu mill-hanut tal-konvenut fejn l-attrici kienet impjegata wahidha u fejn hija kienet responsabbli esklussivament ghal kull tnaqqis mill-hanut in kwistjoni f'liema hanut il-konvenut kien jattendi kultant.

Sema' x-xhieda tal-attrici, ta' Ivan Spiteri u tal-konvenut. Ha konjizzjjoni tac-cirkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigward arretrati ta'' paga u bonus dovuti lill-attrici ghall-perijodu bejn it-8 ta' April 2002 sas-17 ta' Awissu 2002 meta l-attrici kienet impjegata bhala 'salesperson' fil-hanut propjeta' tal-konvenut. Mill-provi rrizulta li dan l-ammont mitlub effettivament qatt ma thallas lill-attrici u inoltre gie pruvat ukoll li dan l-ammont gie komputat korrettement u skond il-ligi kif konfermat mix-xhieda ta' Ivan Spiteri li huwa mpjegat bhala 'Executive Officer' fl-'Enforcement Section' tal-Labour Office.

Illi l-istess konvenut fil-fatt ma jichadx li huwa ma hallasx lill-attrici dawn l-arretrati ta' paga u 'bonuses' dovuti lill-attrici izda jghid li hemm lok ghal kumpensazzjoni ta' dan il-kreditu ma' ammont iehor rappprezentanti valur ta' 'stock' li naqas mill-hanut fejn kienet tahdem l-attrici tul l-erba'snin tal-impjieg taghha mal-konvenut.

Illi l-konvenut bl-ebda mod ma rnexxxxielu jipprova dak sostnut minnu in linea ta' difiza u cioe' bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li effettivament naqas xi 'stock' mill-hanut fejn kienet tahdem l-attrici. Meta gie mistoqsi specifikatament mit-Tribunal jekk huwa kellux lista tal-istock li allegatament gie misjub nieqes, huwa rrisponda biss li m'ghandux sistema komputerizzata. L-attrici xehdet li kienet taghmel 'stock take' darbtejn fiis-sena u ghalhekk it-Tribunal jidhhirlu li li kieku l-konvenut kien qed issib kwantita' kbira ta' 'stock nieqes, kif jallega li sab tul l-erba' snin ta' impjieg tal-attrici, huwa certament kellu l-mezzi

sabiex jikkompila lista tal-istock li suppost instab nieqes. Irid jigi rilevat li l-konvenut kien f'posizzjoni jindika l-valur tal-istock li jghid li sab nieqes izda ma kienx f'posizzjoni jindika f'hiex kien jikkonsisti dan l-istock.Inoltre huwa ma ressaq ebda prova li tul l-erba' snin li l-attrici damet impjegata mieghu, huwa qatt ha xi passi in kwantu jirrigwarda l-merci nieqsa jew li b'xi mod huwa ammoniha fir-rigward. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut qed juza din il-kwistjoni tal-istock nieqes biss bhala skuza sabiex ma jhallasx lill-attrici dak li huwa legalment dovut lilha bhala arretrati ta' paga u 'bonuses'.

Ghal dawn il-motivi, tt-Tribunal jaqta' u jiddeciedi bili filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,040.90), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------